MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2014

Rikors Numru. 411/2014

**A C**

**-vs-**

**D E**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li permezz tieghu ippremetta :

1. Illi l-partijiet izzewgu fl-1 ta' Lulju, 1994, fil-knisja tal-Kappuccini l-Furjana, u minn dan iz-zwieg ma tweldux tfal;
2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti tan-Nutar Dottor Anne Fenech Adami, datat 24 ta' Mejju, 2001, kopja legali ta' l-istess kuntratt hawn anness u mmarkat bhala Dokument "A";
3. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikorrenti ghar-rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom iktar minn erba' (4) snin legalment separati, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;
4. Illi, skont il-klawsola tlieta (3) ta' l-istess kuntratt il-partijiet rrinunzjaw b'mod definit milli jitolbu u / jew jircievu l-manteniment minghand xulxin;
5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejniet il-partijiet ;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimata illi giet ikkonfermata minnha bil-gurament, illi permezz taghha tiddikjara li ma topponix ghat-talbiet attrici u ghaldaqstant tirrimetti ruhha ghas-savju u superjuri gudizzju ta' din il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Ottubru, 2014;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-24 ta’ Mejju 2001;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------